MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1093/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Raymond Scicluna**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Scicluna detentur tal-karta tal-identita` numru 759657M.

Akkuzat talli:
1. Nhar is-6 t'April 2010 ghal habta tas-19.15hrs gewwa Burger King sitwat f'City Gate Arcades, Valletta, ikkommetta serq ta' handbag li kien jikkontjeni MP4 u xi dokumenti, liema oggetti kienu jammontaw ghal valur ta' aktar minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin Ewro centezmi (€23.29) izda inqas minn mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin Ewro centezmu (€232.94), ghad-

detriment ta' Ruth Attard detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 291191M, u dan bi ksur ta' Artikoli 284, 285 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Nhar l-14 t'April 2010 ghal habta tad-0900hra gewwa McDonalds sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta, ikkommetta serq ta' handbag li kien jikkontjeni, flus u mobile phone tal-marka Sony Ericson kif ukoll xi dokumenti, liema oggetti kienu jammontaw ghal valur ta' aktar minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin Ewro centezmu (€23.29) izda inqas minn mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin Ewro centezmu (€232.94), ghad-detriment ta' Marie Louise Cilia detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 220567M, u dan bi ksur ta' Artikolu 284, 285 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nhar il-21 t'April 2010 ghal habta tat-2030hrs gewwa McDonalds sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta, ikkommetta serq ta' basket li kien jikkontjeni, tlett nuccalijiet, tromba u zewg mobile phones specjali ghal nies neqsin mid-dawl kif ukoll xi dokumenti, liema oggetti kienu jammontaw ghal valur ta' aktar minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro (€2,329), liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin, ghad-detriment ta' Eman (Emmanuel) Beck detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 202272M u dan bi ksur ta' Artikolu 261(c)(f), 267, 270, 279(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' Artikolu 334(a) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

5. Aktar talli b'hekk hu renda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula u dan skond Artikolu 289(1) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi u l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni in atti illi a rigward l-akkuza numru hamsa (5) fuq ir-recidiva illi tirreferi ghal reat kommess fl-1973 u ghalhekk m’ghadux applikabbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 284, 285, 261(c)(f), 267, 270, 279(b), 280, 334(a) u 289(1) tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat Raymond Scicluna hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza (tilliberah mir-raba’ akkuza stante li hija alternattiva ghat-tlieta l-ohra u mill-hames (5) akkuza stante li mhijiex applikabbli) u tikkundannah prigunerija ghal zmien hmistax-il (15) xahar li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ tlett (3) snin fejn ghandha titqabbad persuna li tissorvelja lill-istess u din ghandha tkun Marietta Lanzon li tizgura li l-imputat isegwi regolarment programm adegwat kontra d-dipendenza fuq id-drogi.

Inoltre l-Qorti qed tordna li kwalunkwe hlasijiet dovuti lill-parti leza ghandhom jinghataw skont l-Artikolu 28H mhux aktar tard minn sitt (6) xhur millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------